MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2012

Numru. 1213/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Madasa Traore**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Madasa Traore, ta’ 27 sena, bin Dimba u Cerafu Fafana, imwieled gewwa Mali fl-1 ta’ Jannar, 1985 u residenti gewwa Marsa Open Centre u detentur bin-numru tal-Pulizija 11D-037.

Akkuzat talli fis-17 ta’ Novembru, 2012 u dati ta’ qabel f’ Malta ghamel uzu jew attenta ghamel uzu minn passaport jew dokumenti ohra ta’ l-ivjaggar mahrug lil persuna ohra, u dan bi ksur tal-artiklu 4 ta’ Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll tall taht l-istess cirkostanzi, f’ Malta ta, jew gieghel li tinghata, xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lil Ufficjal tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkuunsdra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fatti li wasslu biex l-imputat jitressaq b’l-imputazzjonijiet odjerni; hadet in konsiderazzjoni ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet li matulhom qablu li fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz sentenza karcerarja ma kienitx tkun wahda idonea.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tkkundannah sitt (6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------